*AMMISSJONI*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 4 ta' Ottubru 2001**

**Kawza Numru: 30**
**Citazzjoni Numru: 1006/95/RCP**

**Anthony u Marianne konjugi Cardona; l-Perit Arkitett Lawrence u Maria konjugi Montebello.**

**vs**

**Raymond u Mary konjugi Mallia.**

**Il-Qorti,**

**I. <u>PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi il-konvenuti ghandhom jaghtu lill-atturi l-ammont ta’ erba’ mija u erbghin lira Maltin u hamsa u hamsin centezmu (Lm440.55c) rappresentanti d-dritt ta’ appogg bejn il-fondi “Windrose” u “Catalpa” fi Triq il-Parilja, Santa Venera, kif jirrizulta mill-valutazzjoni maghmula mill-perit arkitett Lawrence Montebello, li kopja taghha qed tigi annessa u mmarkata bhala Dok. “A”; u illi ghalkemm il-konvenuti gew interpellati diversi drabi biex ihallsu lill-atturi l-ammont fuq imsemmi dawn baqghu inadempjenti.

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lil din il-Qorti, sabiex ghar-ragunijiet hemm premessi:-

(1) Previa dikjarazzjoni li d-dritt dovut mill-konvenuti lill-atturi tal-appogg ta’ bejn il-fondi “Windrose” u “Catalpa” fi Triq il-Parilja, Santa Venera, jammonta ghall-erba’ mija u erbghin lira Maltin u hamsa u hamsin centezmu (Lm440.55c) jew somma verjuri, tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi l-ammont imsemmi jew kwalsiasi somma ohra rizultanti.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri interpellatorji tad-9 u 15 ta’ Mejju 1995, u tal-ittra ufficjali tal-15 ta’ Gunju 1995, u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tac-

citazzjoni attrici sal-effettiv pagament, kollha kontra l-konvenuti li huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Mallia fejn eccepew:

1. Illi preliminarjament l-azzjoni odjerna hija preskritta *ai termini* ta' l-**artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili**.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost il-konvenuti m'ghandhom jaghtu xejn lill-atturi u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontrihom.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti a fol 11 tal-process.

Rat il-verbali tat-2 ta' Frar 1996 fejn il-kawza giet differita ghad-9 ta' Ottubru 1996 ghall-provi kollha tal-partijiet dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Rat il-verbal tad-9 ta' Ottubru 1996 fejn Dr Borg talab differiment peress li jinsab impenjat fil-kampanja elettorali. Il-kawza giet differita ghall-25 ta' Novembru 1996 biex dak in-nhar jigi miftiehem appuntament biex jinstemghu il-provi.

Rat il-verbal tal-25 ta' Novembru 1996 fejn Dr Frank Cassar u Dr Anthony Ellul imsejhin tlett darbiet baqghu ma dehrux. Il-kawza giet differita ghas-7 ta' Mejju 1997 ghall-provi tal-konvenut dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Rat il-verbal tas-7 ta' Mejju fejn xehed il-konvenut in sostenn tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Dr Borg iddikjara li ghad irid iressaq lill-konvenuta bhala xhud. Il-kawza giet differita ghall-5 ta' Dicembru 1997 ghall-provi kollha tal-konvenut dwar il-preskrizzjoni u ghall-bidu tal-provi tal-atturi.

Rat il-verbal tal-5 ta' Dicembru 1997 fejn il-konvenut informa lill-Qorti li d-difensur tieghu jinsab indispost u ghalhekk talab differiment. Dr Ellul ma opponiex. Il-kawza giet differita ghall-iskop tal-verbal precedenti ghall-20 ta' Mejju 1998.

Rat il-verbal ta' l-20 ta' Mejju 1998 fejn il-kawza giet differita ghall-25 ta' Novembru 1998 ghall-provi ta' l-attur li naghta l-fakolta li jressaqhom bil-procedura ta' l-affidavit.

Rat in-nota ta' l-atturi a fol 28 sa 43 tal-process fejn permezz taghha gew prezentati affidavits.

Rat il-verbal tal-25 ta' Novembru 1998 fejn Dr Reno Borg iddikjara li f'seduta ohra jixtieq jaghmel il-kontro-ezami tal-atturi Anthony Cardona u tal-AIC Lawrence Montebello. Il-Qorti ordnat lid-difensuri tal-konvenuti biex johrog l-ingunzjoni kontra dawn l-atturi u l-kawza giet differita ghall-kontro-ezami taghhom ghall-21 ta' April 1999.

Rat il-verbal tal-21 ta' April 1999 fejn xehed in kontro-ezami l-attur Montebello dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Il-kawza giet differita ghall-4 ta' Gunju 1999 ghall-kontinwazzjoni tal-provi viva voce tal-konvenuti dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Rat il-verbal ta' l-4 ta' Gunju 1999 fejn Dr Borg iddikjara li kien prezenta nota b'xi dokumenti fir-Registru u li din in-Nota ma kienitx inserita fil-process. Il-Qorti ordnat lir-Registratur biex issir tfittxija ghal din in-nota. Dr Borg iddikjara li irrinunzja ghall-kontro-ezami tal-attur Montebello. Dr Ellul prezenta nota b'xi dokumenti. Il-kawza giet differita ghat-23 ta' Gunju 1999 biex issir tfittxija ghan-nota tal-konvenuti u biex okkorendo tigi nserita fil-process.

Rat in-nota tar-Registratur tal-Qorti a fol 59 tal-process.

Rat il-verbal tat-23 ta' Gunju 1999 fejn Dr Borgipprezenta nota b'hames dokumenti. Dr Ellul irriserva d-dritt li joggezzjona ghall-prezentata ta' dawn id-dokumenti billi l-konvenuti kienu diga ghalqu l-provi taghhom. Il-kawza giet differita ghall-20 ta' Ottubru 1999 biex Dr Ellul jirregola ruhu dwar l-esebizzjoni ta' dawn id-dokumenti.

Rat ir-rikors ta' Anthony Cardona et tat-22 ta' Lulju 1999 u d-digriet ta' din il-Qorti ta' l-1 ta' Settembru 1999 fejn ordnat li kopja tar-rikors u d-digriet jigu notifikati lill-konvenut biex jirregola ruhu, u riservat li tipprovdi ulterjorment fi stadju iehor.

Rat ir-risposta ta' Raymond Mallia a fol 71 u 72 tal-process.

Rat il-verbal ta' l-20 ta' Ottubru, 1999 fejn il-Qorti provdiet fuq ir-rikors tal-atturi billi ordnat l-isfilz tad-dokumenti esebiti bin-Nota tat-23 ta' Gunju 1999 a fol 62 tal-process u awtorizzat lill-konvenuti li jesebixxu kopji originali taghhom. Il-kawza giet differita ghat-3 ta' Dicembru 1999 ghall-produzzjoni ta' dawn id-dokumenti.

Rat il-verbal tat-3 ta' Dicembru 1999 fejn Dr Borg permezz ta' Nota esebixxa tmien dokumenti originali li l-kopja taghhom kienet giet sfilzata b'ordni tal-Qorti.

Dr Borg iddikjara li m'ghandux aktar provi dwar l-ewwel eccezzjoi cioe` dik tal-preskrizzjoni. Dr Ellul ghall-atturi talab li jigi awtorizzat iressaq bhala xhud lil Joseph Sciriha, xhud mhux indikat mill-atturi u dan billi x-xhieda tieghu saret neccessarja minhabba d-dokumenti esebiti f'dan l-istadju f'din il-kawza. Dr Ellul spjega li dan ix-xhud kien il-*Building Inspector* konness max-xoghol in kwistjoni. Dr Borg iddikjara li joggezzjona ghal tali xhud fl-ewwel lok ghax ma kienx indikat u fit-tieni lok ghax is-smiegh tieghu mhux mehtieg. Il-Qorti laqghet it-talba u awtorizzat lill-atturi biex iharrku lil dan ix-xhud. Il-kawza giet differita ghall-15 ta' Mejju 2000 biex jigi ffissat appuntament ghas-smiegh ta' dan ix-xhud.

Rat il-verbal tal-15 ta' Mejju 2000 fejn il-kawza giet differita minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta ghat-3 ta' Ottubru 2000.

Rat il-verbal tat-3 ta' Ottubru 2000 fejn id-difensuri ddikjaraw li dwar il-preskrizzjoni tal-ewwel eccezzjoni m'ghandhomx aktar provi xi jressqu u l-kawza tista' tithalla ghas-sentenza bil-fakolta` ta' noti. Il-Qorti preffiggiet terminu ta' 21 gurnata lill-partijiet biex jipprezentaw tali noti ta' osservazzjonijiet u l-kawza giet differita ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ghad-9 ta' Jannar 2001.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat il-verbal tad-9 ta' Jannar 2001 fejn il-kawza giet deciza in parte fis-sens li giet michuda l-ewwel eccezzjoni ta' preskirizzjoni, inghata digriet tal-affidavit lill-atturi ta' 30 jum u l-kawza giet differita ghall-konkluzzjoni tal-provi attrici dwar il-mertu ghas-7 ta' Marzu 2001.

Rat il-verbali tas-7 ta' Marzu 2001; tat-23 ta' Mejju 2001 fejn xehed il-Perit Lawrence Montebello u Dr Anthony Ellul iddikjara li m'ghandux provi aktar u inghata digriet tal-affidavits tal-konvenut ta' 30 jum; tal-5 ta' Lulju 2001 fejn Dr Reno Borg talab differiment biex jipprezenta nota ta' ammissjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta' Ottubru 2001 fejn deher Dr Anthony Ellul ghall-attur prezenti u l-konvenut u Dr Reno Borg msejhin tlett darbiet baqghu ma dehrux. Dr Ellul talab li l-kawza tmur ghas-sentenza. Il-konvenut u d-difensur tieghu msejhin tlett darbiet ohra baqghu ma dehrux nonostante l-verbal tal-5 ta' Lulju 2001. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-29 ta' Ottubru 2001. Aktar tard deher Dr Reno Borg li talab li l-kawza tigi rikjamata sabiex jipprezenta nota ta' ammissjoni. Il-Qorti laqghet it-talba u rrikjamat il-kawza ghall-lum stess. Dr Toni Ellul ta' ruhu notifikat bil-mozzjoni tar-rikjam tal-

kawza. Dr Reno Borg prezenta u qara nota ta' ammissjoni. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-4 ta' Ottubru 2001.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Il-Qorti rat in-nota tal-konvenut li biha ammetta it-talba kif dedotta fic-citazzjoni.

Billi mill-ammissjoni tal-konvenut, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

## III. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fuq ammissjoni tal-konvenuti tilqa' t-talba ta' l-atturi kif dedotta b'dan illi:

1. Previa dikjarazzjoni li d-dritt dovut mill-konvenuti lill-atturi tal-appogg ta' bejn il-fondi "Windrose" u "Catalpa" fi Triq il-Parilja, Santa Venera, jammonta ghall-erba' mija u erbghin lira Maltin u hamsa u

hamsin centezmu (Lm440.55c), tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi l-ammont imsemmi.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri interpellatorji tad-9 u 15 ta’ Mejju 1995, u tal-ittra ufficjali tal-15 ta’ Gunju 1995, u bl-imghax legali mis-27 ta’ Lulju 1995 sal-effettiv pagament, kollha kontra l-konvenuti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**4 ta’ Ottubru, 2001**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**4 ta’ Ottubru, 2001**